MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 57/2008/1

**Joseph Anthony O'Connor**

**vs**

**Joseph Bugeja u Peter Bugeja**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Gunju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur fejn talab lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu bejniethom is-somma ta' sebat elef, erbgha mija u erbgha u hamsin euro (€7,454) rapprezentanti depositi akkont ta' prezz imhallas mir-rikorrenti lill-intimati fuq promessa ta' biegh datata dsatax (19) ta' Lulju 2007 (Dok. A) liema promessa skadiet xahar wara

u l-biegh finali ma sehhx w ghad li interpellati ghal hlas, baqghu nadempjenti.

Bl-ispejjez tal-prezenti Ittra Interpellatorja datata ghoxrin (20) t'Awwissu 2007 (Dok. B) u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza msemmija sa l-effettiv pagament kontra l-intimati b'mod solidali bejniethom ingunti 'n subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew s-segwenti:-

1. Illi t-talba tal-attur hija nfonata fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni legali jew fattwali sabiex l-attur ma jaddivjenix ghal pubblikazzjoni tal-att finali, kif pattwit bejn il-partijiet fuq il-konvenju datat ghaxra (10) ta' Lulju 2007.

2. Illi di piu, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tal-attur hija fi kwalunkwe kaz, infondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Illi nhar is-sittax (16) ta' Gunju 2009 xehed l-attur **Joseph Anthony O'Connor** w ikkonferma li huwa ghamel skrittura mal-intimat nhar id-dsatax (19) ta' Lulju 2007 li hija esebita l-Qorti u mmarkata bhala Dok A fejn kien obbliga ruhu li jixtri dghajsa bl-isem 'Ave Maria Madonna'. Qal li d-dghajsa kellha licenzja tas-sajd w huwa ddecida li jixtriha bil-licenzja li kellha. In segwitu huwa hallas 10% akkont tal-prezz w ghalhekk, hallas is-somma ta' tlett elef u hames mitt lira maltin u l-bilanc restanti, ta' tnejn u tletin elf lira maltin kellu jithallas mal-kuntratt finali. Sussegwentement sar jaf li d-dghajsa kellha mpediment fuqha u cioe li l-licenzja tas-sajd li kellha, ma setghetx tigi trasferita minn dghajsa ghal ohra. Qal li kien gie mgharraf li l-konvenut kien ircieva xi sussidju mill-Gvern taht il-pretest li d-dghajsa ma setghetx tigi trasferita

qabel il-perijodu ta’ hames snin w ghalih, dan kien l-impediment. Huwa ghalhekk kien gharraf lill-intimati li ma kienx ghadu nteressat fix-xiri taghha w ghalhekk xtaq jiehu lura d-depositu, izda l-intimati rrifjutaw li jghamlu dan. Ikkonferma li l-intimati qatt ma kellmuh aktar fuq din il-pendenza.

**Joseph Bugeja** l-konvenut, xehed nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Jannar 2009 fejn qal li jigu ħu l-intimat Peter Bugeja u li flimkien kellhom dghajsa tas-sajd. Qal li huma xtaqu ibieghu d-dghajsa bl-isem ‘Ave Maria’ u kienu ftehmu mar-rikorrenti dwar prezz. Ikkonferma li kienu waslu fi ftehim w iffirmaw skrittura u r-rikorrenti tahom is-somma ta’ tlett elef u mitejn lira maltin (LM3,200) izda meta waslu biex jaghmlu l-kuntratt finali w isir it-*transfer*, r-rikorrenti ma deherx w ghalhekk ma hallsux il-bilanc dovut. Qal li huma cemplulu darbtejn sabiex ihallsuh il-kumplament, izda baqa’ ma hallashomx. Mistoqsi x’kienet ir-raguni ghaliex ma hallsux, jghid li ma jafx, ghalkemm huwa ghandu kollox in regola u li kien minn dejjem f’posizzjoni li jbiegh id-dghajsa.

Mistoqsi jekk kienx minnu li huwa rcieva sussidju minghand il-Gvern, l-intimat wiegeb f-affermattiv. Qal li kien ircieva s-somma ta’ LM15,000, izda ma kienx minnu li gie suggerit li ma setax jaghmel *transfer* tad-dghajsa ghaliex kien hemm x’impediment mid-Dipartiment tas-Sajd. Jghid li jiftakar li kien mar ghand l-ufficcju tal-*Fisheries* u tkellem ma certu Frans Caruana u staqsih jekk setax jghamel it-*transfer* tad-dghajsa u dan qallu li ma kien hemm problem ta’ xejn dwar dan u li t-*transfer* seta’ jsir.

Ghalhekk, wara certu zmien, huwa rega’ mar flimkien ghand dan Frans Caruana bl-intiza li jiltaqa’ mar-rikorrenti u dan Frans Caruana nfurmah li efettivament dan Joseph Anthony O’Connor kien mar u ma ridx jistennih aktar. Frans Caruana cempel lil Joseph Anthony

O’Connor quddiemu u dan qallu li kien telaq lejn M’xlokk. Ghal darb ohra staqsih jekk it-*transfer* setax issir u dan wiegbu fl-affermattiv.

In kontr’ezami jghid li huwa u ħuħ huma sajjieda *full time* u li verament id-daghjsa huma kellhom ibieghuha bil-licenza. Jghid li mpediment ma kellux u seta’ jistghad ghal kwalsiasi tip ta’ hut. Is-sussidju minghand il-Gvern hadu sabiex jimmodernizza d-dghajsa.

**Joseph Zahra**, manager fil-Ko-operattiva Nazzjonali tas-Sajd xehed fl-istess jum tas-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Jannar 2009 fejn qal li jiftakar li kien cempillu l-intimat u talbu sabiex jaqralu d-dokument esebita fl-atti a fol. 2 u mmarkat bhala Dok. A. Ikkonferma li l-kitba fuqha kienet miktuba minnu li l-partijiet kienu iffirmaw id-dokument quddiemu u dan wara li saru l-korrezzjonijiet u zidiet necessarji. Huwa mbaghad kien fiehem il-korrezzjonijiet li saru kemm bl-Ingliz lir-rikorrenti kif ukoll lill-intimati bil-Malti. Quddiemu wkoll ir-rikorrenti ghadda c-cekk ta’ depositu lill-intimati. Meta lestew, huma marru jghamlu fotokopja tal-licenzja tal-bastiment u tawha lir-rikorrenti.

Mistoqsi jekk kienx hemm x’impediment fuq id-dghajsa fis-sens li ma setghetx tigi trasferita, jghid li ma kienx hemm. Fil-fatt ighid, li kien hemm diversi dghajjes li hadu s-sussidju minghand il-Gvern u xorta wahda sar *transfer* fuq id-dghajsa.

**Francis Caruana,** rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sajd xehed nhar il-hdax (11) ta’ Marzu 2009 u qal li jiftakar li xi zmien ilu kellu appuntament fid-Dipartiment tas-Sajd sabiex isir *transfer* fuq id-dghajsa bl-isem ‘Ave Maria’ MFA 186. Ikkonferma li l-appuntament kien bejn il-kontendenti ta’ din il-kawza. Qal li l-intimati huma s-sidien tad-dghajsa ‘n vendita. Qal li pero fil-jum miftiehem, il-partijiet m’iltaqghux, ghalkemm l-intimati marru w r-rikorrenti qallu li kellu jiehu xi parir. Ikkonferma li

Dr. Anthony Gruppetta kien awtorizzah sabiex huw jaghmel it-*transfer* u kollox kien sehh skond ir-regolameti tal-EU. Jghid li ma kien hemm l-ebda mpediment fuq it-trasferiment ta' din id-dghajsa. Kollox kien regolari dwar din id-dghajsa. Ikkonferma li kien veru li l-intimati hadu sussidju dwar modernizzar tad-dghajsa, izda dan ifisser li l-bastiment kellu jibqa fuq ir-registru Malti ghal perijodu t'ghaxar snin w ghalhekk jghid, li t-*transfer* seta' jsir regolarment. Ikkonferma wkoll li s-sussidju li hadu l-intimati, huwa regolat bi ftehim bil-miktub.

Illi nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2009 huwa esbixxa kopja tal-kuntratt li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. EUR0. Fuq dan id-dokument hemm il-firem tal-intimati, ta' Mario Cassar, bhala *project leader* u ta' Dr. Anthony Gruppetta bhala Direttur Generali. Permezz tal-istess, l-intimati nghataw l-ghajnuna mill-Unjoni Ewropeja. Qal li l-unika kundizzjoni li kien hemm hi, li d-dghajsa kellha tibqa fuq ir-registru Malti ghal perijodu t'ghaxar snin.

**Dr Anthony Grupetta** xehed nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2009 fejn mistoqsi jekk kienx hemm xi restrizzjonijiet dwar l-ftehim li kien hemm bejn l-ahwa Bugeja u d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, jghid li l-kundizzjonijiet kollha li kien hemm bejn il-partijiet, huma dawk indikati fl-istess ftehim esebit w immarkat bhala Dok. EURO, pero dawn kienu jirreferu dwar kif kellu jsir il-modernizzar fil-bastiment 'Ave Maria'. Apparti l-kundizzjonijiet li hemm miktuba f'dan il-ftehim, m'hemm l-ebda kundizzjoni ohra. F'kelma wahda, din id-dghajsa kellha tibqa' tistghad ghal perjodu ta' zmien wara li jsir il-modernizazzjoni, setghet tigi trasferita minn bniedem ghall-iehor, basta tibqa tintuza ghas-sajd u dan ghaliex is-sussidju haditu d-dghajsa u mhux is-sid. Jigifieri jekk sid id-dghajsa jinbidel, ma jkunx hemm problemi.

Il-bastimenti tas-sajd ghandhom diversi limitazzjonijiet. Jghid li hemm erba' kategoriji tas-sajd, wahda minnhom bhala MFD, li huwa *work boat*, ohra MFC, li hija *recreational vessel* u ma tistax tinbiegh l-qabda ta' hut u ma jistghux jistghadu bl-irkapti kollha tas-sajd. Iz-zewg kategoriji l-ohra u cioe MFA u MFB, huma *commercial fishing vessels*. Dawn ghandhom kategoriji skond id-daqs fejn jistghu jistghadu. Jghid li kull dghajsa li hija ikbar minn tnax-il metru, ma tistax tistghad fil-hamsa u ghoxrin mil, salv ftit, li ghandhom deroga. Jghid li l-'Ave Maria' hija dghajsa akbar minn tnax-il metru, minghajr deroga w ghalhekk tfisser, li tista' tistghad biss barra l-hamsa u ghoxrin mil. Jghid li tista' tistghad fil-hamsa u ghoxrin mil biss waqt l-istagun tal-lampuki. Din hija r-restrizzjoni li hemm fuq id-dghajsa ghalkemm, l-'Ave Maria' ghandha licenzja MFA 186. Ikkonferma li d-dghajsa 186 'Ave Maria' setghet tigi trasferita lil terzi, ma setghetx tibdel it-*tunnage* jew il-*power* tal-magna taghha u dan ghaliex trid tibqa l-istess fuq ir-registru taghhom.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza, l-attur qed jitlob r-refusjoni ta' somma flus u cioe dik ta' LM3200 li huwa kien taha lill-ahwa Bugeja, l-intimati, meta kien iffirma ftehim maghhom ghax-xiri tad-dghajsa 'Ave Maria' numru ta' registrazzjoni MFA 186. Jirrizulta minn ezami tal-ftheim esebit w immarkat bhala Dok. A, li l-attur Joseph O'Connor kien obbliga ruhu nhar id-dsatax (19) ta' Lulju 2007, li jixtri u jakkwista minghand l-intimati, d-dghajsa 'Ave Maria' ghal prezz ta' tnejn u tletin elf lira maltin.

Minn naha l-ohra, l-ahwa Bugeja, l-intimati, kienu obbligaw ruhhom li jbiegh u jittrasferixxu din l-istess dghajsa lir-rikorrenti versu l-prezz miftiehem u dan taht il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim.

Illi jidher li skond il-ftehim, l-unika kundizzjoni li kien hemm hija li l-vendituri u cioe l-intimati, jwieghdu li fil-mument tal-biegh "*there will be no outstanding claims, nor payments of any kind due on the vessel, its fishing licence, nor on any of its equipment*." U in oltre li "*the vessel together with the fishing license and entitlements is free from all impediments and encumbrances whatsoever and that they are able and entitled to transfer same to buyers*."

Jirrizulta wkoll li l-kuntratt tal-biegh kellu jsir fi zmien xahar minn dan il-konvenju meta r-rikorrenti kellu jghaddi l-bilanc ta' LM28,800 lill-vendituri u l-venituri, intimati jghaddu d-dokumentazzjoni kollha relattiva tat-*transfer* tad-dghajsa lir-rikorrenti kompratur.

Illi mill-provi jirrizulta li gheluq ix-xahar, l-intimati marru sabiex jaghmlu t-*transfer* relattiv u r-rikorrenti ma marx.  Wara xi zmien l-intimati rcevew ittra legali mingahnd ir-rikorrenti, fejn kien qed jitlob refuzjoni tad-depositu ghax sostna li t-*transfer* tad-dghajsa ma setghax isir ghaliex kien hemm impediment.

Minn apprezzament tal-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti kien jaf x'kien qed jixtri u cioe dghajsa bil-licenzja tas-sajd tat-tip MFA u cioe fejn id-dghajsa ma setghetx tistghad fl-ilmijiet t'inqas minn hamsa w ghoxrin mil mill-kosta ta' Malta, salv jekk mhux ghall-lampuki.  Ir-rikorrenti dan kien jafu ghaliex fil-ftehim, hemm indikat il-licenzja tad-dghajsa u cioe tat-tip MFA.

Meta id-dirigenti tad-Dipartiment tal-Agrikoltura telghu jixhdu, hadd minnhom ma qal li kien hemm x'impediment u cioe li d-dghajsa ma setghetx tigi traserita.    Ilkoll qalu li d-dghajsa setghet tigi trasferita minghajr problemi ghax impedimenti ma kienx hemm, basta pero tibqa tistghad fl-ibrha

Maltin ghall-ghaxar snin u skond il-kundizzjonijiet tal-licenzja taghha.

Ir-rikorrenti donnu jrid jghid li d-dghajsa ma setghetx tigi tranferita ghaliex kien hemm x'impediment peress li kienet hadet is-sussidju mill-Ewropa, pero dan ma kienx minnu ghax problemi dwar *transfer*, ma kienx hemm.

Illi mill-atti ma jirrisultax li l-intimati pero kienu nterpellaw ufficcjalment lir-rikorrenti sabiex jersaq ghall-kuntratt, baqghu m'ghamlu xejn salv li qed jirrifjutaw li jirrifondu lura l-flus.

Ir-rikorrenti, minn naha l-ohra, qed jghid li peress li l-intimati m'interpellawhx ufficcjalment, huma m'ghandhomx dritt ghad-depositu.

L-avukat tar-rikorrenti esebixxa sentenza fil-mori ta' dawn il-proceduri fl-ismijiet **<u>Fabian Cardona et vs Noel Debono et</u>** moghtija nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Appell u dan bil-ghan li jikkonvinci li din il-Qorti, li l-flejjes moghtija bhala depositu fuq il-ftehim preliminari ghandhom jigu ritornati lir-rikorrenti ghaliex l-intimati m'imxewx skond il-ligi.

Issa, jekk wiehed joqghod ghat-terminu tal-artikolu 1357 tal-Kodici Civili, z-zmien tal-validita ta' konvenju hu fattur t'importanza fundamentali u min allura, bhall-intimati, jippretendu li huma jistghu jzommu bi dritt, s-somma depositata, ghandu fuq il-konvenju, riedu jiddemostraw fl-ewwel lok illi attivaw ruhhom bil-prezentata t'att gudizzjarju konsistenti f'sejha lill-promittenti rikorrenti sabiex jersaq ghall-kuntratt. Jekk hu ma jaghmilx dan u l-konvenju jiskadi, l-qaghda tirritorna ghall-istat quo ante u l-vendituri intimati ma jistghux jippretendu li jzommu l-ammont li jkunu rcevew fuq il-konvenju.

Dan l-insenjament huwa imfisser tajjeb fis-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell nhar it-

tmienja w ghoxrin (28) ta' Novembru 2008 fl-ismijiet **<u>Jilt Limited vs Tigne Estates Limited.</u>**

Fil-kaz in esami, huwa pacifiku illi l-effetti tal-konvenju bejn il-kontendenti skadew fid-dsatax (19) t'Awwissu 2007, xahar wara li gie ffirmat il-konvenju. Jirrizulta wkoll bla ombra ta' dubbju, li l-intimati m'ipprezentaw l-ebda att gudizzjarju qabel li l-konvenju skada. Illi l-kwistjoni jekk r-rikorrenti kellux ragun ma jersaqx ghall-kuntratt, ma hiex ser tigi diskussa f'din l-istanza, ghaliex ma titfa l-ebda piz fuq dak li ghandu jigi deciz.

Illi ghalhekk, l-eccezzjoni tal-intimati li r-rikorrenti ma kellux gustifikazzjoni legali sabiex ma jersaqx ghal kuntratt, m'ghandha l-ebda mportanza f'dan il-kaz, ghaliex anke jekk in pessima ipotesi kellha, li f'dan il-kaz ma kellhiex, il-fatt li r-rikorrenti ma giex interpellat mill-intimati sabiex jaddivjenu ghal kuntratt finali, m'ghandha rilevanza ta' xejn in vista tal-fatt li l-procedura legali ma gietx segwita.

Dwar it-tieni eccezzjoni mressqa mill-intimati, u cioe li t-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, din ma tirrizultax lanqas w ghalhekk, iz-zewg eccezzjonijiet principali qed jigu michuda.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tilqa t-talba attrici b'dan illi l-intimati ghandhom bejniethom ihallsu 'n solidum is-somma ta' sebat elef, erbgha mija u erbgha u hamsin euro (€7,454) lir-rikorrenti.

L-ispejjez ta' din il-procedura u l-imghax skond il-ligi jithallsu mill-intimati."

Bl-appell taghhom minn din is-sentenza l-konvenuti jikkontestaw lill-ewwel Qorti s-sollevar minnha tal-punt tan-nuqqas ta' interpellazzjoni b'att gudizzjarju meta ma kellhiex bazi biex hekk tqajjimha *ex officio*;

L-ilment ta’ l-appellanti hu dirett kontra dik il-parti tal-pronunzjament fejn l-ewwel Qorti rragunat illi l-effetti tal-konvenju *inter partes* skadew fid-19 ta’ Awissu, 2007 u l-konvenuti naqsu milli jattivaw ruhhom biex izommu in ezistenza l-effetti ta’ dak l-istess konvenju permezz tal-prezentata ta’ att gudizzjarju. Dan, s’intendi, skond it-termini prefissi mill-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili u kif, f’tema ta’ ordni ta’ rifuzjoni tad-depozitu mhallas fuq konvenju, hu pacifikament stabbilit f’gurisprudenza kopjuza. Ara b’ezemplari, fost ohrajn, “**Tania Tanti *et* -vs- John Muscat**”, Appell Civili, 3 ta’ Mejju, 1989 u “**Angelo Zahra -vs- John Parnis England *et***”, Appell Superjuri, 30 ta’ April, 2009;

Il-kwestjoni hawn sottomessa mhix strettament din, anke jekk mhux eskluza, izda jekk, ritwalment, l-ewwel Qorti, skond ma qeghda tigi ccensurata, setghetx minn rajha tqajjem il-punt ta’ l-ineffikacja tal-konvenju ghal dik ir-raguni kkoncepita mill-appellanti;

Ghall-ezami ta’ dan l-aggravju huwa, bla dubju ta’ xejn, necessarju illi jigu puntwalizzati sew it-talba ta’ l-attur, kif ukoll id-difiza tal-konvenuti b’opposizzjoni ghal dik it-talba;

Mill-Avviz promotur kif ifformulat jidderivi illi l-attur talab ir-rimbors tad-depozitu minnu mhallas fuq l-att tal-weghda ta’ bejgh ta’ l-opra tas-sajd datat 19 ta’ Lulju 2007 in bazi ghall-premessa illi t-terminu tieghu ta’ xahar kien skada u l-bejgh finali ma sehhx. Minn naha taghhom il-konvenuti eccepew illi t-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex ma kien hemm ebda gustifikazzjoni, legali jew fattwali, biex l-attur ma jaddivjenix ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att finali;

L-atti tal-kawza jevidenzjaw illi ghal dawk li huma provi din giet stradata fuq il-binarju illi, skond l-attur, kien jezisti motiv gust ta’ resilment tal-konvenju minhabba li l-licenzja

tad-dghajsa ma setghetx, ghall-fatt tal-ghoti ta’ Sussidju mill-Gvern, tigi ttrasferita qabel id-dekors ta’ hames snin. Hu indikattiv ukoll, almenu mill-korp tas-sentenza, illi x’aktarx fil-kors tad-dibattitu orali quddiem l-ewwel Qorti giet ventilata l-kwestjoni legali tan-nuqqas ta’ prezentata mill-konvenuti ta’ att gudizzjarju, tant li giet ukoll mill-attur prodotta kopja ta’ sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet “**Fabian Cardona *et* -vs- Noel Debono *et***”, 13 ta’ Frar, 2009;

Fuq l-azzjoni ezercitata mill-attur fil-kawza u wkoll dik ta’ l-esposizzjoni tal-volunta` difensjonali tal-konvenuti b’dik l-eccezzjoni taghhom, kombinati wkoll mac-cirkostanzi pertinenti rizultanti mill-atti, hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-aggravju interpost ma huwiex sostenibbli;

Din il-konkluzjoni tal-Qorti qed tigi bazata fuq il-konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

(1) *In primis* ma jidherx li hu korrett li jinghad illi l-assenza ta’ l-att gudizzjarju giet rilevata *ex officio* mill-Qorti. Hu, difatti, koncess mill-istess appellanti fil-korp tar-rikors ta’ l-appell taghom illi fl-istadju tat-trattazzjoni l-attur esebixxa kopja tas-sentenza fuq riferenzjata biex issostni t-tezi ghalfejn it-talba tieghu kellha tintlaqa’. Wisq logikament, la dik is-sentenza kienet titratta fuq il-fattur zmien ghall-validita` tal-konvenju, ukoll fil-kuntest ta’ depozitu fil-forma ta’ kaparra skond l-argoment ta’ l-appellant f’dak il-kaz, wiehed necessarjament jifhem illi dik l-esebizzjoni taghha kienet mahsuba biex tissorreggi l-affermazzjoni sottoposta illi wkoll fil-kaz prezenti l-konvenuti appellanti naqsu milli jzommu fermi l-jeddijiet taghhom taht il-konvenju;

(2) Ma jistax lanqas jinghad illi l-ewwel Qorti statwiet fuq xi haga li m’ghandhiex korrispondenza fit-talba kif koncepita jew fl-eccezzjoni. La jidher li alterat element objettiv ta’ l-azzjoni, ossija tat-talba u l-premessa ghaliha – dik preponderentement ta’ l-iskadenza tal-konvenju – u lanqas ta’ l-eccezzjoni, hekk espressa b’mod

generiku izda fl-istess waqt komprensiva tad-deduzzjoni difensjonali kontrastanti d-domanda ta’ l-avversarju anke fuq dik il-bazi guridika;

(3) Fiz-zgur, ma jistax lanqas jinghad illi tqeghdet ghab-bazi tad-decizjoni appellata xi fatt jew qaghda estraneja ghall-materja kontrovertita, b’mod li jista’ jinghad illi l-appellanti gew sorprizi bid-decizjoni. Is-sentenza, fil-verita, ma introduciet ebda *causa petendi* gdida u diversa minn dik enuncjata mill-attur ghas-sostenn tad-domanda tieghu;

(4) Ankorke, *gratia argomenti*, hemm qbil li n-nuqqas tal-prezentata ta’ att gudizzjarju ghaz-zamma fis-sehh tal-validita` tal-konvenju ma setghetx titqajjem mill-Qorti *ex officio*, fil-kaz partikolari dan il-vizzju ritwali ma jissussistix ghaliex il-Qorti la ghamlet dan u lanqas ma ppronunzjat ruhha fuq kwestjoni li ma kienetx ukoll tifforma oggett tal-gudizzju. Jekk hemm bzonn jigi ribadit, il-fatt estintiv tal-validita` tal-konvenju gie wkoll sollevat mill-attur fil-kors tal-process u tali kien jattira lejh l-ezercizzju mill-ewwel Qorti ta’ dak il-poter-dover li taccerta l-fondatezza tieghu ghas-suffragju tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni. Dan hu proprju dak li sar f’dan il-kaz.

Ghal motivi kollha suesposti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, bl-ispejjez tal-prezenti istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------